*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,972, 9 ta' Diċembru, 2022*
*Taqsima B*

**A.L. 334 tal-2022**

## ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

## Ordni tal-2022 dwar Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għall-impiegi u r-relazzjonijiet industrijali, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2022 dwar Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2023.

L-inqas paga nazzjonali.

**2.** L-inqas paga nazzjonali fil-ġimgħa għal ġimgħa normali ta' xogħol għandha tkun kif ġej:

| | |
|---|---|
| Ta' età tmintax-il (18) sena u fuqhom | €192.73 |
| Ta' età sbatax-il (17) sena | €185.95 |
| Ta' età taħt is-sbatax-il (17) sena | €183.11 |

Impjegati part-time.

**3.** L-inqas paga nazzjonali ta' impjegati part-time għandha tkun ikkalkulata *pro rata* bl-istess rata fis-siegħa ta' impjegat komparabbli whole-time li tkun tapplika skont l-inqas paga tal-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi rilevanti, jew f'każijiet fejn Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi ma tkunx tapplika, b'rata fis-siegħa li ma tkunx anqas mill-Inqas Paga Nazzjonali Standard li tkun tapplika, kif stabbilita skont l-artikolu preċedenti u diviża b'erbgħin (40).

Ordnijiet dwar Kunsilli tal-Pagi li jirregolaw il-Pagi.

**4.** Meta xi Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi jkun japplika għal xi impjegat, il-pagi pagabbli lil dak l-impjegat fir-rigward tal-2023 ma għandhomx ikunu anqas minn dawk stabbiliti b'dak l-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi applikabbli għal 2022, aġġustat għall-għoli tal-ħajja b'xi żidiet ta' pagi dikjarati bħala li jkunu ġeneralment applikabbli għall-impjegati whole-time kollha skont l-artikolu 8 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, jew b'xi żidiet fil-paga għall-għoli tal-ħajja stabbilita b'xi ordni ta' standard nazzjonali applikabbli fir-rigward tal-2023. Kap. 452.